MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 138/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**Vs**
**Anthony Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bejn Novembru 2002 u Novembru 2007 fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur ta’ Italpizzo Co. Ltd, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta’ Intercomp Marketing Ltd., ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminal, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ April, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310, 17, 23, 31, 289, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti, ai termini tal-artikolu 309 tal-Kap. 9 u kkundannatu terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur sospizi ghal tlitt (3) snin, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Inoltre l-Qorti ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ elf, tlitt mija w sebgha w sebghin Euro w sebgha w ghoxrin centezmu (€1,377.27) ekwivalenti ghal hames mija w wiehed u disghin Lira Maltin u sitta w ghoxrin centezmu (LM591.26), lis-socjeta’ Intercomp Marketing Ltd fi zmien xahar, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ April, 2009, li bih talab li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-qofol tal-kaz in ezami jikkoncerna l-figura ta’ cekkijiet post datati f’negozju fejn ikun koncess lit-traent zmien ghall-hlas;
Illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet li ma kienx hemm l-element ta’ *“messa in scena”* rikjest ghar-reat taht l-artikolu 308 tal-Kap. 9, ossia r-reat maghruf bhala “truffa”.
Madanakollu l-Qorti xorta wahda applikat il-principji ta’ reat kompriz u involut fil-konfront tal-appellant u sabitu hati ta’ frodi innominat;
Illi l-appellant isibha difficli jifhem kif la darba ma nstabx hati ta’ truffa bil-hrug ta’ cekkijiet seta’ jinsab hati ta’ frodi innominat, la darba l-uniku operat lanjat fil-konfront tieghu kien propju a bazi tal-immissjoni tac-cekkijiet;

Illi meta jigi koncess kreditu f'negozju kummercjali, l-koncedent ikun dejjem qed jiehu riskju dwar il-hlas. Il-fatt tal-hrug ta' cekkijiet f'cirkostanzi bhal dawn jiehu is-sura ta' modalita' ta' pagament;
Illi ma jirrizulta minn imkien li s-socjeta' Intercomp Limited ma kienitx taccetta li tikkoncedi l-kreditu lill-appellant jekk dan ma pprovdiex ic-cheques post datati;
Illi fatt ta' telf patrimonjali wahdu ma jammontax ghal frodi, w specifikatament f'dal-kaz jirrizulta dejn u mhux telf.
F'materja simili meta traent johrog cekk post datat mhux talli ma jkunx qed jiddefrodi l-fornitur tal-oggett tat-transazzjoni, izda jkun qed jaghmel dikjarazzjoni li fil-mument kritiku tan-negozju, ma hux f'posizzjoni li jhallas. B'danakollu ghalhekk ic-cekk jiehu xejra ta' weghda ta' hlas.

Ikkunsidrat

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti :-
L-appellant Anthony Scicluna huwa direttur ta' kumpanija Italpizzo Co. Ltd. u ghall-habta ta' Novembru 2002 avvicina lill-kumpanija Intercomp Marketing Ltd. fejn xtara apparat u taghmir elettroniku w computers ghal gestjoni tan-negozju tieghu. Il-valur totali tal-merkanzija kien LM 1293.26 u gie ffatturat bin-numru 1093 ta' Mejju, 2003.
L-appellant hareg tlett cekkijiet kollha fuq il-BOV wiehed bin-numru 38 ghall-ammont ta' LM 493.26 datat 13 ta' Jannar, 2003, BOV cheque number 36 ghall- LM400 datat 13 ta' Dicembru, 2002 u BOV cheque number 35 LM400 datat 13 ta' Novembru, 2002.
Il-kumpanija Intercomp irrilaxxjat il-merkanzija kollha izda c-cekkijiet fid-dati rispettivi gew mibghuta lura mill-bank bhala "refer to drawer" u baqghu ma ssarfux.
Is-socjeta' kreditrici baqghet tigri wara l-appellant ghal kwazi hames snin biex tigbor flusha. F'dan il-perjodu l-appellant hallas fi flus kontanti diversi pagamenti akkonti, l-ahhar pagament ta' mitejn lira f'Jannar 2006 biex fadal bilanc dovut lis-socjeta' kreditrici ta' LM 591.26.
Is-socjeta' kompliet tigri wara l-appellant li dejjem kien iweghdha li ser ihallas l-ammont bilancjali izda qatt ma ghamel xejn sakemm fl-ahhar, permezz ta' ittra tal-14 ta' Settembru 2007 is-socjeta' kreditrici Intercomp kitbet lil-

Pulizija sabiex jipprocedu kontra l-appellant fit-termini tal-artikolu 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali.

Fit-3 ta’ Dicembru, 2007, l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akuzi li jidhru fil-bidu ta’ dan il-gudikat u permezz ta’ sentenza tas-16 t’April, 2009 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-imputat hati ai termini tal-artikolu 309 tal-Kap. 9 u kkundannatu terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur sospizi ghal tlett snin u di piu’ ordnatlu jhallas lis-socjeta’ Intercomp Marketing Ltd. l-ammont ta’ 1377.27 Euros fi zmien xahar mid-data tas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi l-gharef Avukat difensur tal-appellant spjega illi l-gurisprudenza moderna m’ghadhiex temmen li n-nuqqas ta’ tisrief ta’ “post dated cheques” wahdu jammonta ghal truffa. F’dan il-kaz, il-fatt biss illi l-appellant hareg tlett “post dated cheques” jfisser dikjarazzjoni minnu illi fil-mument tal-hrug tac-cheques ma kienx hemm flus biex ikopru dawk id-dokumenti, izda s-socjeta’ kreditrici kellha fiducja fil-klijent li ghal quddiem kien ser ikollu flus u c-cheques kienu ser jissarfu. Dana kien negozju kummercjali w ma kienx hemm indoli kriminali, se mai hija kwistjoni li kellha tigi rizolta fil-Qrati Civili w mhux quddiem dawk penali. Di piu’ ma kienx hemm provi illi minghajr dawk ic-cekkijiet is-socjeta’ Intercomp ma kienitx sejra tinnegozja mall-appellant.

Ikkunsidrat

L-Ewwel parti tal-argument tal-Avukat difensur huwa fil-fatt korroborat minn gurisprudenza lokali. Fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby” 12/02/1999 il-Qorti qalet *“mhux kull cheque li ma jigix onorat mill-bank neccessarjament jammonta ghar-reat ta’ truffa (artikolu 308) jew ghar-reat minuri, izda kompriz u involut f’dak ta’ truffa, ta’ lukru frawdolent innominat (art. 309); u dan hu hekk anki jekk kemm il-darba jirrizulta illi meta nhareg ic-cheque, jew meta kellu jigi msarraf, min hargu kien jaf li ma hemmx flus fil-kont relattiv.”*

Ghalhekk din il-Qorti lesta li tikkoncedi illi l-hrug tac-cekkijiet wahedhom, anki jekk l-appellant kien jaf illi ma kienx hemm flus, ma jfissirx reat kriminali. Dan jissustisti meta l-hrug ta’ cheque fuq kont bla flus jista’ jkun proprju l-mezz ta’ ngann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali bil-konsegwenti gwadan ghall-agent (ara Il-Pulizija vs. Philip Petroni 16/3/1999).

Ghalhekk il-Qorti trid tara jekk l-agir tal-appellant kienx mezz ta’ ingann adoperat minnu sabiex jinduci lis-socjeta’ Intercomp Marketing sabiex tirrilaxxa l-merkanzija kontra flus illi kien jaf li ma kienux jezistu w gabu telf patrimonjali ghas-socjeta’ Intercomp bil-konsegwenti gwadan ghall-appellant.

Ikkunsidrat

Kif gja inghad, fil-paragrafu tal-konsiderazzjoni tal-fatti, l-appellant avvicina s-socjeta’ Intercomp u xtara merkanzija b’valur ta’ LM 1293.26. Dan hallsu bi tlett “post dated cheques” illi ma gewx imsarfa, pero’ l-merkanzija giet ikkonsenjata mill-ewwel u baqghet f’idejn l-appellant.

F’dak l-istadju l-imputat messu kien jaf li c-cekkijiet tieghu ma setghux jissarfu kif jidher car mill-kont bankarju tieghu ghall-perjodu indikat.

L-appellant spjega illi hu kellu flus fil-kont bankarju pero’ kienu tieghu personalment u li kellu fondi izda nesa jiddepozithom fl-istess kont. Jghid ukoll illi ta c-cekkijiet bi ftehim li jhallas bi flus “cash” in kambju tal-istess cekkijiet.

L-Ewwel Qorti bir-ragun ma emmnitx din il-verzjoni w sejjhithom kontradittorji. L-istess ghamel l-Ispettur Maurice Curmi li kien qed jinvestiga dan il-kaz meta jghid *“ghalhekk jiena hassejt li din kienet skuza daqxejn bazwijja li ghalhekk ma treggix li wara hames snin nahseb illi kellu cans biex jiddepozita l-flus u jhallas dan l-ammont .......”*

L-Ewwel Qorti sewwa kkonkludiet li l-verzjoni moghtija mill-appellant hija inverosimili w tnaqqas mill-kredibilita' tieghu.

Ikkunsidrat :

M'hemmx dubju li s-socjeta' Intercomp irrilaxxat il-merkanzija wara illi l-imputat hareg il-"post dated cheques". Veru illi accettathom kif inhuma, pero' l-appellant kellu l-obbligu w id-dover illi jara illi meta jimmaturaw ic-cheques jkun hemm flus fil-kont u certament mhixiex skuza meta jghid illi nesa jiddepozita l-flus.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-hrug tac-cekkijiet kien il-mezz ta' ingann adoperat mill-appellant sabiex jinduci s-socjeta' Intercomp sabiex tirrilaxxa merkanzija w ggib telf patrimonjali w konsegwenti gwadan ghall-appellant li rrcieva l-merkanzija minghajr ma hallas ghaliha. Ghall-bqija l-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza kkwotata mill-Ewwel Qorti w l-argumenti minnha migjuba w din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija kif waslet fis-sentenza taghha.

Kif qalet il-kawza l-Pulizija vs Carmelo Schembri 28/4/1995 *"hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll f'kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha."*

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------